**4 ta' Novembru, 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M, B.Litt., LL.D.**

Avukat Dr. Antonio Caruana

*versus*

Avukat Dr. Gaudenzio Borg et. ne.

**Domandi Alternattivi fiċ-Ċitazzjoni — Appell — Rinunzja għall-Effetti tas-Sentenza — Azzjoni "de in rem verso".**

*Min jiġi mqabbad jagħmel xi xogħol għandu l-azzjoni "ex mandato" għall-ħlas tal-kompetenzi tiegħu kontra l-persuna li qabbditu; imma l-azzjoni tiegħu mhix bażata kontra persuna oħra konvenuta fl-istess ġudizzju, billi hu jallega illi l-prestazzjonijiet tiegħu servew ta' vantaġġ lil dik il-persuna l-oħra. Il-versjoni utili, se maj, twassal għall-azzjoni "de in rem verso", li mill-banda l-oħra hi konċessa biss "in subsidium" u wara li l-kreditur ikun esperixxa inutilment id-drittijiet tiegħu kontra d-debitur, u qatt fl-istess ġudizzju; kif lanqas hi konċessa meta l-kreditur għandu rimedji kontrattwali.*

*Jekk l-attur jitlob il-kanonizzazzjoni tal-kreditu tiegħu kontra diversi persuni per mezz ta' domandi alternattivi mingħajr ebda subordinazzjoni bejniethom, b'mod li waħda teskludi lill-oħra, jiġi li ħalla f'idejn il-Qorti l-għażla u li tilqa' waħda minnhom skond ir-riżultanzi tal-provi; u ladarba l-Qorti tilqa' l-alternattiva tal-kundanna kontra wieħed mill-konvenuti u tiċħad l-alternattivi l-oħra, l-attur jiġi li rebaħ waħdu mill-alternattivi minnu proposti.*

*Jekk mbgħad l-attur jappella minn dik id-deċiżjoni u jitlob li t-talba tiegħu tiġi milqugħa fuq alternattiva oħra biex tiġi kundannata persuna oħra konvenuta minflok dik li ġiet kundannata bis-sentenza appellata, u biex dan isir huwa jirrinunzja għall-effetti tas-sentenza appellata, ir-rinunzja tiegħu mhix attendibbli jekk tkun kondizzjonata għall-ak-*

*koljiment tad-domanda kif avanzata fl-alternattiva l-oħra li ġiet miċħuda. Rinunzja simili mhix attendibbli, u mhix operattiva ta' effetti ġuridiċi, billi hi kondizzjonata għall-operat tal-Qorti, u l-Qorti ma tistgħax teħodha in konsiderazzjoni sakemm ma tkunx definittiva sa minn qabel id-deċiżjoni finali.*

*Fid-dottrina huwa ammess li jista' jingħata l-każ ta' wieħed rebbieħ f'kawża li jibqgħalu nteress li jappella m's-sentenza li rebaħ minħabba ċirkustanzi u limitazzjonijiet partikulari, u għalhekk ikollu d-dritt li jappella m'nn dik is-sentenza; imma ladarba hu rebaħ alternattiva waħda, u ma setgħax jirbaħ tnejn għax kien ikun hemm deċiżjoni "ultra petita", hemm ostakolu għall-prosegwiment tal-appell. U dan apparti milli l-Ewwel Qorti kellha jew le raġun taqta' l-kawża kif qatgħetha.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-attur, wara li ppremetta illi l-attur irrenda l-prestazzjonijiet professjonali riżultanti mill-anness elenku senjat Dok. A, lil fuq imsemmi Gio Batta Gauci, u lil dan bħala, in virtù ta' sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Frar 1920 fl-ismijiet "Gio Batta Gauci vs. Carmelo Abela nomine", kreditur salvjanista tal-eredità ġjaċenti konvenuta ta' Saverio Oliva, talab li ssir il-likwidazzjoni tad-drittijiet dovuti lill-attur għall-fuq imsemmijin prestazzjonijiet li tkun operata minn din il-Qorti; u l-attur jiġi kanonizzat kreditur fl-ammont li hekk jiġi likwidat tal-eredità ġjaċenti tal-fuq imsemmi Saverio Oliva, jew tal-eredità ġjaċenti tal-fuq imsemmi Gio Batta Gauci, jew taż-żewġ ereditajiet ġjaċenti "in solidum", kif, skond ma jirriżulta mill-provi, din il-Qorti tiddeċidi. Bl-imgħax u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-4 ta' April 1960, li biha dik il-Qorti ddeċidiet billi asteniet milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, billi ġiet rinunzjata, laqgħet it-talbiet tal-attur fil-konfront biss tal-eredità ġjaċenti ta' Gio Batta Gauci, u kkundannat lill-istess eredità

tħallas lill-attur is-somma ta' £15.5.4, bl-imgħax legali minn dak inhar u bl-ispejjeż relattivi; u konsegwentement ċaħdet l-istess talbiet fil-konfront tal-eredità ġjaċenti ta' Saverio Oliva, bl-ispejjeż kontra l-attur; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi, in kwantu diretta kontra l-eredità ġjaċenti ta' Gio Batta Gauci, l-azzjoni hija bażata; difatti jirriżulta illi l-attur ġie mqabbad minn dan Gauci u rrenda l-prestazzjonijiet elenkati fil-prospett *fol. 6*, u għalhekk l-attur għandu kontra l-eredità tiegħu l-azzjoni kontrattwali "ex mandato" (arg. art. .1961 u 1970 tal-Kodiċi Ċivili; ara każ analogu riportat fil-Kollezzjoni Vol. XXXVIII-II-421);

Illi, però, l-azzjoni mhix ugwalment sostenibbli kontra l-eredità ġjaċenti ta' Saverio Oliva; difatti l-attur ma ppruvax li qatt kellu rapporti mal-istess Oliva. Xejn ma jiswa, kif jippretendi l-attur, illi l-prestazzjonijiet tiegħu servew ta' vantaġġ lil Oliva, billi saru in konnessjoni mal-fond tiegħu suġġett għas-salvjan favur Gio Batta Gauci; il-versjoni utili, jekk qatt kien hemm, tista' se maj twassal għall-azzjoni "de in rem verso", illi ma jidherx li l-attur qiegħed il-lum jesperixxi; iżda, jekk anki dan kien il-każ, din l-azzjoni mhix sostenibbli, tant għaliex hija tinsab mogħtija biss "in subsidium", u wara li l-kreditur ikun esperixxa inutilment id-drittijiet kontra d-debitur (u dan sal-lum għadu ma sarx), u qatt fl-istess ġudizzju (Kollez. VIII 863), u anki għaliex din l-azzjoni mhix ammissibbli meta l-kreditur, kif inhu l-każ tagħna, għandu rimedju kontrattwali (Kollez. XXIX-II-812; XXXIII-I-447: XXXIV-III-784). Lanqas jista' jingħad illi l-attur qiegħed jeżerċita l-azzjoni surrogatorja jew indiretta kontemplata fl-art. 1186 tal-Kodiċi Ċivili; għaliex dan jidher eskluż mill-mod kif jinsabu konċepiti d-domandi taċ-ċitazzjoni. Iżda jekk anki, "ex hypothesi", din l-azzjoni ġiet esperita, lanqas tidher illi hija sostenibbli; difatti mhux kontestat illi Gio Batta Gauci, debitur dirett tal-attur, qatt ma rrenda l-kont tal-amministrazzjoni tiegħu bħala salvjanista, u għalhekk ma jistgħax ikollu dritt li jitħallas tal-ispejjeż

minnu talvolta nkorsi għas-salvjan, fosthom il-kompetenzi dovuti lil-attur (Kollez. XXII-II-61). Xejn ma jiswa illi l-eċċezzjoni fol. 16 ġiet mil-kuraturi ritirata; għaliex hija kienet tirrigwarda biss it-terminazzjoni tas-salvjan bil-pretiż "ħlas" tal-kreditu garantit; iżda baqa' dejjem iseħħ id-dritt tal-eredità ġjaċenti ta' Savedio Oliva li tirrepelli l-azzjoni tal-kreditur salvjanista sakemm dan ma jirrendix kont tal-amministrazzjoni tiegħu;

Illi dwar il-"quantum" ma ġiet sollevata ebda kontestazzjoni; u l-Qorti, wara li eżaminat iċ-ċirkustanzi tal-każ, tirritjeni mhux eċċessiv l-ammont mitlub mill-attur skond il-prospett ġa msemmi;

Rat in-nota tal-appell li biha l-attur appella mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fuq imsemmija, u rat il-petizzjoni tiegħu. fejn talab ir-riforma tas-sentenza appellata in kwantu lliberat bl-ispejjeż lill-kuraturi tal-eredità ġjaċenti ta' Saverio Oliva u f'lok dan talab il-kundanna ta' dawk il-kuraturi u l-akkoljiment tad-domandi kif proposti;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-appellant li biha dan iddikjara li jirrinunzja għall-effetti tas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' April 1960 fuq ċitazzjoni numru 741 tal-1959 fl-ismijiet "Avvocato Dottor Antonio Caruana vs. Avvocato Dottor Gaudenzio Borg" taħt il-kondizzjonijiet (a) illi r-rinunzja hija limitata għall-kapital kanonizzat b'dik is-sentenza u lukri relattivi di fronti biss għall-eredità ġjaċenti ta' Gio Batta Gauci, u (b) illi l-fuq imsemmija rinunzja hija kondizzjonata għall-akkoljiment tad-domandi. ċjoè taż-żewġ domandi kif avanzati fl-att taċ-ċitazzjoni kontra l-eredità ġjaċenti ta' Saverio Oliva weħedha;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-attur fiċ-ċitazzjoni, wara li talab il-likwidazzjoni tal-kreditu tiegħu, ippropona l-azzjoni tal-kanonizzazzjoni

ta' dak il-kreditu permezz ta' tliet alternattivi mingħajr ebda subordinazzjoni bejniethom, b'mod li waħda teskludi l-oħra; u b'hekk ħalla f'idejn il-Qorti li tagħżel u tilqa' waħda minnhom skond ir-riżultanzi tal-provi. Il-Qorti, wara li llikwidat il-kreditu tal-attur fis-somma ta' £15.5.4, laqgħet l-alternattiva tal-kundanna tal-wirt battal ta' Gio Batta Gauci biss, u ċaħdet it-talbiet fil-konfront tal-wirt battal ta' Saverio Oliva. Ladarba l-attur rebaħ waħda mit-talbiet alternattivi proposti minnu, il-meritu tal-kawża ġie apparentement eżawrit. B'dan kollu, l-attur ħass ruħu aggravat b'dik id-deċiżjoni, u ppretenda li l-Qorti kellha tilqa' t-talba fil-konfront tal-wirt ta' Oliva; u fil-petizzjoni tal-appell talab li l-Qorti tilqa' t-talbiet fil-konfront tal-wirt ta' Oliva. Fil-petizzjoni l-attur ma talabx ir-revoka tas-sentenza appellata in kwantu laqgħet it-talbiet fil-konfront tal-wirt ta' Gauci, fil-waqt li mill-atti susseġwenti jidher li l-lum l-attur irid il-kundanna tal-wirt ta' Oliva f'lok dik tal-wirt ta' Gauci, u f'dan is-sens talab ir-riforma tas-sentenza appellata. Biex jovvja għal dak il-mod konfus ta' proċedura tiegħu, l-attur, b'nota mar-rikors tal-14 ta' Lulju 1960, iddikjara li jirrinunzja għall-effetti tas-sentenza appellata taħt il-kondizzjoni (a) illi r-rinunzja hija limitata għall-kapital kanonizzat b'dik is-sentenza u l-lukri di fronti biss għall-wirt battal ta' Gio Batta Gauci, u (b) illi dik ir-rinunzja hija kondizzjonata għall-akkoljiment tad-domandi kif avanzati fl-att taċ-ċitazzjoni kontra l-eredità ġjaċenti ta' Saverio Oliva weħedha;

Ikkunsidrat qabel xejn, fuq dik ir-rinunzja. illi dik ir-rinunzja, kif konċepita, mhix attendibbli, u għalhekk mhix operattiva ta' effetti ġuridiċi, billi hija kondizzjonata għall-operat tal-Qorti, u l-Qorti ma tistgħax teħodha fil-konsiderazzjoni sakemm ma tkunx definittiva sa minn qabel id-deċiżjoni finali. Kif inhi kondizzjonata, dik ir-rinunzja tikkrea l-inċertezza fid-domanda għall-appellati, u għalhekk hija preġudizzjevoli għall-finijiet tal-ġustizzja;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dottrina huwa ammess li jista' jingħata l-każ ta' wieħed rebbieħ f'kawża jibqgħalu nteress li jappella

mis-sentenza li rebaħ minħabba ċirkustanzi u limitazzjonijiet partikulari, u għalhekk, "servatis servandis", ikollu dritt jappella. Jgħid Ludovico Mortara, fit-trattat voluminus tiegħu fuq "L'Appello Civile":— "Se le istanze proposte da una parte, invece di trovarsi tra loro nel rapporto di principali e subordinate, fossero alternative, l'interesse ad appellare non può essere a priori stabilito con una regola certa ed universale. A primo aspetto sembrerebbe anche qui che si abbia a negare l'interesse ad appellare, conciossiachè la domanda di una cosa o di un'altra è appagata pienamente quando delle due cose se ne accordi una. Ma pur tuttavia, l'esame specifico di ogni singolo caso concreto potrebbe condurre al rilievo di circostanze per virtù delle quali riesce giustificato l'interesse a chiedere in appello la riforma della sentenza" (Digesto Italiano, v. Appello Civile, no. 134). Fil-każ tal-attur appellant, il-pretiż interess jikkonsisti fil-fatt li minn għand il-wirt battal ta' Gauci ma hemmx mnejn jitħallas il-kreditu in kwistjoni, fil-waqt li mill-wirt ta' Oliva jista' jkun hemm xi tama ta' ħlas. Mill-banda l-oħra, l-alternattiva fit-talbiet oriġinali tal-attur ma kienetx pura u sempliċi iżda kienet dipendenti mir-riżultanzi tal-provi; u għalhekk ma jidherx li huwa illoġiku li l-attur seta' jilmenta — tajjeb jew ħażin — li l-provi setgħu ma jiġġustifikawx l-għażla tal-alternattiva li laqgħet l-Ewwel Qorti; u għalhekk għamel l-appell;

Ikkunsidrat;

Illi, apparti l-ostakolu li fl-istadju preżenti tal-proċeduri l-appellant ġa għandu favur tiegħu l-laqgħa tat-talba skond waħda mill-alternattivi minnu proposti, u ma jistgħax jieħu t-tnejn għax tkun deċiżjoni "ultra petita", barra mir-raġunijiet miġjuba mill-Ewwel Qorti għaċ-ċaħda tat-talbiet fil-konfront tal-wirt ta' Oliva, jibqa' l-fatt li ma ġiex pruvat f'din il-kawża li Gauci kien baqgħalu jieħu minn għand Oliva, u lanqas jirriżulta li qatt sar rendikont tal-amministrazzjoni salvjanista da parti ta' Gauci; u għalhekk kellha raġun l-Ewwel Qorti tilqa' t-talba kontra l-wirt battal ta' Gio Batta Gauci u teskludi t-talba in kwantu diretta kontra l-wirt battal ta' Saverio Oliva;

**Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk tal-Ewwel Qorti, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata: bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-appellant.**